## Qorti tal-Appell Kriminali

## Onor. Imhallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D.

Seduta tal-lum 3 ta' Dicembru 2015

Appell Nru: 469/2014

Il-Pulizija

Spettur Spiridione Zammit

vs

Raymond Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-imsemmi Raymond Cassar detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 339370M talli:

Fil-15 ta' April, 2014 ghall-habta ta' 08:00hrs waqt li kien fi Triq San Mikiel, Fgura volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe' ghamel hsara fil-vettura LAA063 tal-ghamla seat Marbella propjeta' ta' Mario Cassar liema hsara ma teccedix €116.47 u dan bi ksur tal-Art. 325(1)(c) tal-Kap 9.

B) Kif ukoll ingurja jew hedded, mhux imsemmi band' ohra f'dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni lil Mario Cassar u dan bi ksur tal-art. 339(e) tal-Kap. 9.

C) Kif ukoll kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-Art. 339(dd) tal-Kap 9.

Rat is-sentenza tal-istess Qorti ta' nhar il-11 ta' Novembru, 2014, li permezz taghha wara li rat l-artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant mhux tat-tieni u t-tielet akkuzi minhabba il-preskrizzjoni trimestrali, sabitu hati tal-ewwel imputazzjoni bl-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta lliberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur. Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali rabtet lill-appellant taht obbligazzjoni tieghu innfisu ghall-perjodu ta' sena taht penali ta' elf ewro *(€1000)* u ai termini tal-artikolu 532A tal-Kapitolu 9 ordnatu ihallas is-somma ta' 147.50 Ewro lill-Parte civile.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Raymond Cassar li permezz tieghu talab lill-din il Qorti tikkonferma s-sentenza f'dik il-parti fejn ma sabitx lill-appellanti hati tat-tieni u t-tielet akkuzi, u thassar u tirrevoka s-sentenza limitatament f'dik il-parti fejn sabet lill-appellanti hati tal-ewwel imputazzjoni u l-obbligi li mponiet fuqu u konsegwentement u ghar-ragunijiet hemm indikati tghaddi sabiex tilliberah mill-akkuzi kollha.

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet il-provi;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant;

Ikkunsidrat:

Illi din il-Qorti semghet lill-kwerelant jixghed dwar il-kwistjonijiet li ghandu ma huh l-appellant, allura imputat, u kif dan kien infurmat minn ommhom illi fil-gurnata tal-incident, l-appellant kien ghamel hsara fil-vettura tal-kwerelant billi taha daqqa ta' sieq u li sabiex isewwi dik il-hsara kien gieb stima fl-ammont ta' €147. Omm l-kwerelant xehedet illi binha, l-appellant, kien gie d-dar taghha u bhalma jidher li jaghmel ta' spiss, beda jirrabja ghall-huh li mieghu jidher li ghandu xi kwistjoni. F'hin minnhom hareg 'l barra bir-rabja, mar fuq il-vettura tal-huh, il-kwerelant, u taha daqqa ta' sieq. Il-kwerelant esebixxa ritratti biex juru l-hsara fil-vettura tieghu izda xehed illi ghadu ma sewwiex din il-vettura;

Dan l-appell huwa limitat ghal-ewwel akkuza stante li l-appellant kien liberat mill-Qorti tal-Magistrati mit-tieni u t-tielet akkuza;

Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jghid illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fl-appellant la darba ma ngiebitx il-prova li l-vettura in kwistjoni tappartjeni lill-kwerelant. L-appellant izda mghandux ragun dwar dan. Il-kwerelant ikkonferma li dik il-vettura tappartjeni lilu u dan kien ukoll konfermat minn ommu. Fil-kaz odjern ma kien hemm l-ebda dubju dwar dan u ghalhekk ma kienx hemm htiega ta' prova aktar minn hekk;

It-tieni aggravju, izda ser ikun milqugh ghaliex l-appellant ghandu ragun meta jghid illi ma ngiebitx dik il-prova li turi li l-kwerelant sofra hsara fl-ammont minnu pretiz. L-kwerelant esebixxa biss stima ta' hsarat u dwar dan, il-Qorti diversament preseduta,. Fis-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija –vs- Joseph Zahra App Krim 24.2.2003** rriteniet illi din ma tammontax ghall-ahjar prova ghaliex hija biss opinjoni *ex parte* u mhux ta' perit nominat mill-qorti. Naturlament kull kaz ghandu dejjem ikun deciz fuq il-fatti in ispeci tieghu u meta jitqies illi l-kwerelant esebixxa biss stima li anqas biss tiddiskrivi t-

tiswija li ghandha ssir u minghjar ma ressaq lil min ghamilha sabiex jikkonferma d-dokument, allura din il-Qorti ma tistax ma tqis l-istess bhala opinjoni *ex parte.*

Ghal dawn il-motivi l-appell qed ikun milqugh u bhala konsegwenza filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata li biha l-appellant instab mhux hati tat-tieni u t-tielet akkuza, thassar u tirrevoka l-istess fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel akkuza u minflik u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija w piena.